## QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 23 ta' Settembru, 2002**

**Appell Nru 75/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Julian Bonello**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Julian Bonello talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-8 ta' Ottubru 2000, ghall-habta tad-9.02am, fil-hanut Gelateria La Bonello, 1, Ross Street, St Julians, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51, u 77(a)(c) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Julian Bonello hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Julian Bonello, minnu ppresentat fit-12 ta' April, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Id-diversi aggravji ta' l-appellant (apparti dak dwar il-piena), migjuba b'mod erudit izda konciz fir-rikors tieghu, jirriducu ruhhom

bazikament ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu ma tirrizultax pruvata skond il-ligi. L-appellant jikkontendi li ebda wiehed miz-zewg spetturi tal-VAT ma raw il-bejgh isir – huma waqqfu lill-persuna li xtrat wara li din harget mill-hanut in kwistjoni. Skond l-appellant, il-fatt li, wara li dahlu l-ispetturi fil-hanut, huwa hareg ricevuta fiskali ghall-ammont ta' tnejn u tletin centezmu – il-valur totali tal-oggetti li kienet xtrat dik il-persuna – ma jammontax ghal xi ammissjoni da parti tieghu li lil dik il-persuna hu ma kienx hargilha u taha ricevuta. Fl-ahhar nett l-appellant jikkontendi li l-"fond" minn fejn sar il-bejgh ma giex identifikat, b'mod ghalhekk li ma jistax jinghad li l-proceduri ittiehdu in konformita` mal-ligi.

Kwantu ghall-kwistjoni tal-fond, huwa veru li mad-Dipartiment tal-VAT l-appellant huwa registrata bhala li jiggestixxi "Bonello's Butcher" mill-fond numru 1 fi Triq Ross, mentri l-ispetturi marru f'hanut li jismu "Gelateria La Bonello". Dan il-fatt, pero`, ma jivvizzja b'ebda mod il-proceduri. Hu evidenti li minn meta l-appellant irregistra mad-Dipartiment tal-VAT (fit-30 ta' Settembru, 1994 – ara d-dokument a fol. 4 tal-atti), huwa bidel il-generu tan-negozju tieghu, minn bejjiegh tal-laham ghal *gelataio* jew *confectioner*. Pero` hu baqa' l-persuna registrata, bl-istess numru tal-karta ta' identita`, l-istess indirizz (1, Triq Ross, San Giljan), kif ukoll l-istess numru tat-telefon (ara n-numru tat-telefon kif jidher fuq ir-ricevuta fiskali, fol. 7, u kif inhu mnizzel fuq il-formula tar-registrazzjoni, fol. 4). Inoltre, minn-numru tal-karta ta' identita` li ttiehdet mill-ispetturi waqt l-ispezzjoni taghhom u n-numru tal-istess karta fuq il-formula tar-registrazzjoni, ma hemmx dubbju dwar l-identita` tal-persuna li kellmu dawn l-ispetturi fil-kors ta' l-ispezzjoni taghhom.

Huwa veru li l-ispetturi ma rawx il-bejh isir, ghax kienu barra l-hanut, pero` li kieku l-appellant kien hareg ir-ricevuta fiskali lill-klient (jew klienta) din kienet tkun registrata fil-*cash-register* tieghu. Apparti minn hekk ix-xhud Kevin Mifsud (wiehed miz-zewg spetturi) jghid car u tond li meta hu u siehbu dahlu fil-hanut l-appellant qalilhom li ma kienx hareg l-ircevuta u fil-fatt harigha quddiemhom (ara d-deposizzjoni ta' Kevin Mifsud moghtija quddiem din il-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2002). Anke l-fatt li r-ricevuta fiskali li effettivament inharget (u li tinsab ezibita a fol. 7) ghandha l-hin indikat bhala 10.01 (u mhux 9.02 kif hemm fl-imputazzjoni) huwa spjegabbli fin-nuqqas tad-deposizzjoni ta' l-appellant: huwa ma kienx ghadu ghamel, fil-*cash register*, l-aggustamenti biex jirrifletti l-bdil fl-hin tas-sajf ghal dak tax-xitwa.

L-appellant jilmenta wkoll dwar il-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva meta si tratta ta' ammont hekk zghir (ghal dak li hu l-valur tal-provvista – 32c) u meta l-oggetti in kwistjoni ma kienux soggetti ghall-VAT. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx. Il-piena f'dan il-kaz ghandha sservi ta' detterrent sabiex kull min hu hekk obbligat dejjem jirregistra l-bejgh li jkun sar u johrog ir-ricevuta fiskali, irrispettivament mill-valur tal-provvista in kwistjoni. Apparti minn din il-konsiderazzjoni, il-minimu tal-multa applikabbli f'dan il-kaz kien ta' mija u hamsin lira (b'massimu li jista' jitla' sa elf lira), u ghalhekk il-multa ta' mitejn lira ma tistax titqies bhala xi

wahda “eccessiva”. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tara ebda raguni ghandha tvarja l-piena erogata mill-Qorti Inferjuri.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Assistent Registratur